Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tas-26 ta' April, 2006

Numru 605/2001

**Il-Pulizija**

(Spettur Maria Stella Cutajar
Spettur Louise Vella)

**vs**

**Louis Ronayne**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Louis Ronayne ta' 18-il sena, bin Edward u Modesta mwielda Magro, imwieled Pieta' fl-20 t'April 1983, residenti 7, Sqaq Numru 3, Triq il-Bali Guarena, Qrendi u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 233383(M).

Talli:

Fit-30 ta' Settembru, 2001 u fil-granet ta' qabel, fil-Qrendi, b'eghmil zieni ikkorrompa lil Abigail Cassar, minuri ta' erbatax-il sena f'post pubbliku jew post espost ghall-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 203(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmija minuri Abigail Cassar kontra l-volonta' taghha, jew ta l-post biex din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew sekwestrata u dan bhala mezz biex l-imsemmija minuri tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha u dan bi ksur tal-Artikolu 86 u 87 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, kkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta' Abigail Cassar, minorenni ta' erbatax-il sena.

Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, offenda l-pudur jew l-morali b'eghmil li sar f'lok pubbliku u/jew f'lok espost ghall-pubbliku u dan bi ksur ta' l-Aritikolu 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti.

Rat li l-akkuzat ammetta l-ewwel zewg akkuzi migjuba kontrih u tenna wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi ta' ammissjoni u taghtu zmien biex jahsibha.

Issib l-akkuzat hati ta' l-ewwel zewg akkuzi stante ammissjoni.

Rat l-artikoli 203(1), 86 u 87 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikolu 28A ta' l-istess Kap li ser tapplika stante l-fedina penali nadifa ta' l-akkuzat.

Tikkundanna lill-akkuzat sentejn prigunerija liema sentenza m'ghandhiex tidhol fis-sehh hlief jekk l-akkuzat jikkommetti reat iehor fi zmien erba' (4) snin m'llum, liema reat ikun soggett ghall-prigunerija. Il-Qorti qed tfisser lill-akkuzat ir-responsabbiltajiet tieghu a tenur ta' l-artikoli 28A u 28B jekk jikkommetti reat iehor fi zmien il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza. Barra dan il-Qorti qieghda tqieghed lill-hati taht is-sorveljanza ta' l-ufficjal tal-probation ghal sentejn (2) m'illum. L-akkuzat qed jaghmel il-firma tieghu fuq l-ordni tal-probation quddiem din il-Qorti u hi qed tfissirlu kif ghandu jgib ruhu fil-perijodu operattiv; tilliberah mill-akkuzi l-ohra.

Il-Qorti qed tilqa' t-talba tad-difiza u tal-prosekuzzjoni li fl-interess tal-gustizzja ma jigu mxandra l-ebda ismijiet.

Il-Qorti tordna l-konfiska u l-qerda ta' l-esebit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------